## Adoration prayers

*These prayers can be helpful for those who wish to gather for a moment of adoration and prayers for peace. It is suggested that moments of silence and reflection be allowed during this time of prayer. One can choose some passages from the Bible, such as from the book of psalms and the Gospels. Hymns can also be used to create a prayerful setting.*

**Introductory Prayer:**

Heavenly Father, source of love and compassion, as we gather in reflection and prayer on this solemn occasion, we acknowledge the weight of the challenges that afflict our world, in particular the ongoing wars in Ukraine and the Holy Land. On this day which the church dedicates to Peace, we come before you with hearts open to the call for justice, peace, and reconciliation. Grant us the grace to be instruments of your peace, seeking understanding and unity in the face of violence and conflict. May this time of prayer be a sacred space where hope is kindled, and hearts are moved towards the path of righteousness. In your mercy, through our Lord, your Son, the prince of Peace, who lives and reigns with you in the unity of the Holy Spirit, one God, forever and ever. Amen.

**Prayers of Intercession:**

Gracious and Merciful God, we stand before you with a collective plea for peace and justice in our troubled world. As we offer these intercessions, we trust in your boundless compassion to hear and answer our prayers.

- For the Victims: We pray for the souls of those who have lost their lives in the recent acts of violence in Israel and Palestine, and in other places where war is raging. May their sacrifices not be in vain. May their families find solace in this difficult time, and may the international community unite in condemning all forms of violence and terror. *Lord hear our prayer.*

- For Refugees and Displaced Persons: Heavenly Father, we pray for those who have been forced to flee their homes due to violence and conflict. Surround them with your consolation and protection, and may the international community provide them with refuge, resources, and the assurance of a brighter future. *Lord hear our prayer.*

- For Conversion of our Hearts: We pray for a conversion of hearts and minds, that the cycle of violence and revenge may be broken. May leaders and individuals alike choose the path of peace, empathy, and dialogue over the destructive path of war. *Lord hear our prayer.*

- For Healing and Reconciliation: Lord of all, we pray for healing and reconciliation in regions torn apart by violence, especially in Israel, Palestine, Ukraine, Sudan, and Myanmar. May communities find the strength to forgive, and may the wounds of the

past be treated with the balm of compassion and understanding, paving the way for a harmonious future. *Lord hear our prayer.*

- For Leaders and Decision-Makers: We lift up in prayer leaders and decision-makers in nations affected by conflict. May they be granted the wisdom to choose paths that prioritize the well-being and dignity of every individual. Guide them to engage in sincere dialogue and collaborative efforts for lasting peace, putting the needs of the vulnerable at the forefront of their decisions. *Lord hear our prayer.*

- For Peacebuilders: We lift up in prayer those who courageously work towards peace and reconciliation in regions affected by conflict, especially in Israel, Palestine, Ukraine, Sudan, and Myanmar. May their efforts be strengthened, and may they be protected as they strive for justice, truth, and understanding. *Lord hear our prayer.*

- For Advocates of Human Rights: We lift up those who tirelessly advocate for human rights and justice around the world. Strengthen their resolve and protect them from harm as they work towards dismantling systems of oppression and promoting the inherent dignity of every person. May their voices be heard, and may their efforts lead to positive change. *Lord hear our prayer.*

**Concluding prayer**

Heavenly Father, on this World Day of Peace, in this holy time of Christmas, we invoke your divine presence to guide us. May we, as individuals, communities, and nations, reflect on our shared responsibility to promote a new paradigm of respect, dialogue, and justice. Grant us the strength to address the root causes of conflict and to replace dehumanizing rhetoric with words of compassion and understanding.

Let this be a year of transformation, where the seeds of peace are sown in the hearts of humanity. May religions be beacons of hope, and untainted by political agendas, stand firm against violence, injustice, and hatred. All this we pray through Jesus Christ our Lord, who lives and reigns with you and the Holy Spirit, one God, for ever and ever. Amen.

----------------------------------

## Talb għal waqt adorazzjoni

*Dan it-talb jista' jkun ta' għajnuna għal min jixtieq jagħmel mument ta' adorazzjoni u talb għal-paċi. Huwa ssuġġerit li jitħallew mumenti ta' silenzju u riflessjoni. Wieħed jista' jagħżel xi siltiet mill-Bibbja bħal kotba tas-salmi u l-Evanġelji u jistgħu jintużaw ukoll xi kant li jgħin biex wieħed jinġabar.*

**Talba tal-bidu:**

Missier Qaddis, għajn ta' mħabba u mogħdrija, waqt li qed ninġabru għal dan il-mument ta' talb f'din l-okkażjoni solenni, nagħrfu l-piż tal-isfidi li qed jolqtu d-dinja tagħna, b'mod partikolari l-gwerer li għaddejjin fl-Ukrajna u fl-Art Imqaddsa. F'dan il-jum li l-knisja tiddedikah għall-Paċi, niġu quddiemek b'qalb miftuħa għas-sejħa għall-ġustizzja, il-paċi u r-rikonċiljazzjoni. Agħtina l-grazzja li nkunu strumenti tal-paċi tiegħek, li nfittxu l-ftehim u l-għaqda quddiem il-vjolenza u l-kunflitt. Jalla dan il-mument ta' talb ikun spazju qaddis fejn it-tama tinxtegħel, u l-qlub jitmexxew lejn it-triq tal-ġustizzja. Agħtina dan, fil-ħniena tiegħek, permezz ta' Sidna, Ibnek, il-prinċep tal-Paċi, li jgħix u jsaltan miegħek flimkien mal-Ispirtu s-Santu, Alla wieħed, għal dejjem ta' dejjem. Amen.

**Talb ta' interċessjoni**

Alla ħanin, ninsabu quddiemek mseħbin f'talba għall-paċi u l-ġustizzja fid-dinja mnikkta tagħna. Hekk kif noffru dawn l-interċessjonijiet, aħna nafdaw fil-ħniena bla limitu tiegħek biex tisma' u twieġeb għat-talb tagħna.

- Għall-Vittmi: Nitolbu għall-erwieħ ta' dawk li tilfu ħajjithom fl-atti ta' vjolenza riċenti f'Iżrael u l-Palestina, u fi gwerrer oħra madwar id-dinja. Jalla s-sagrifiċċji tagħhom ma jkunux għalxejn u l-familji tagħhom isibu serħan f'dan iż-żmien diffiċli, u jalla l-komunità internazzjonali tingħaqad biex tikkundanna kull forma ta' vjolenza u terrur. *Nitolbu.*

- Għar-Refuġjati: Nitolbu għal dawk li ġew sfurzati jaħarbu minn djarhom minħabba vjolenza u kunflitt. Dawwarhom bil-konsolazzjoni u l-protezzjoni tiegħek, u jalla l-komunità internazzjonali tipprovdilhom kenn, riżorsi, u l-assigurazzjoni ta' futur aħjar. *Nitolbu.*

- Għall-Konverżjoni ta' Qlubna: Nitolbu għal konverżjoni tal-qlub u l-imħuħ, biex iċ-ċiklu tal-vjolenza u l-vendetta jinkiser. Jalla l-mexxejja u l-individwi bl-istess mod jagħżlu t-triq tal-paċi, l-empatija u d-djalogu fuq it-triq distruttiva tal-gwerra. *Nitolbu.*

- Għall-Fejqan u r-Rikonċiljazzjoni: Oh Alla li ssaltan fuq kulħadd, nitolbu għall-fejqan u r-rikonċiljazzjoni f'reġjuni mtertqin mill-vjolenza, speċjalment fl-Iżrael, il-Palestina, l-Ukrajna, is-Sudan u l-Myanmar. Jalla l-komunitajiet isibu s-saħħa biex jaħfru, u jalla l-ġrieħi tal-passat jiġu imdewwija bil-balzmu tal-kompassjoni u l-ftehim, li jwittu t-triq għal futur armonjuż. *Nitolbu.*

- Għall-Mexxejja u dawk li Jieħdu d-Deċiżjonijiet: Nitolbu għall-mexxejja u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet f'nazzjonijiet milquta mill-kunflitt. Jalla jingħataw l-għerf li jagħżlu toroq li jagħtu prijorità lill-benesseri u d-dinjità ta' kull individwu. Gwidahom

biex jimpenjaw ruħhom fi djalogu sinċier u sforzi kollaborattivi għal paċi dejjiema, filwaqt li jpoġġi l-bżonnijiet ta' dawk vulnerabbli fuq quddiem fid-deċiżjonijiet tagħhom. *Nitolbu.*

- Għal Bennejja tal-Paċi: Nitolbu għal dawk li b'kuraġġ jaħdmu għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fir-reġjuni milquta mill-kunflitt, speċjalment fl-Iżrael, il-Palestina, l-Ukrajna, is-Sudan, u l-Myanmar. Jalla l-isforzi tagħhom jissaħħu, u jalla jkunu protetti hekk kif jistinkaw għall-ġustizzja, il-verità, u l-ftehim. *Nitolbu.*

- Għal dawk li jiddefendu d-Drittijiet tal-Bniedem: NItolbu għal dawk li bla heda jaħdmu favur id-drittijiet tal-bniedem u l-ġustizzja madwar id-dinja. Saħħaħ ir-rieda tagħhom u ħarishom mill-ħsara hekk kif jaħdmu biex jiżżarmaw is-sistemi ta' oppressjoni u tissaħħaħ il-promozzjoni tad-dinjità inerenti ta' kull persuna. Jalla leħinhom jinstema', u jalla l-isforzi tagħhom iwasslu għal bidla pożittiva. *Nitolbu.*

**Talba tal-Għeluq**

Missier Qaddis, f'dan il-Jum iddedikat għall-Paċi fid-dinja, fiż-żmien qaddis tal-Milied, aħna nitolbu li l-preżenza Qaddisa tiegħek tiggwidana. Jalla aħna, bħala individwi, komunitajiet u nazzjonijiet, nirriflettu fuq ir-responsabbiltà komuni tagħna biex nippromwovu mod ġdid ta' kif ngħixu flimkien f'rispett, djalogu u ġustizzja. Agħtina s-saħħa biex nindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-kunflitti ta' bejnietna u nibdlu l-kliem diżumanizzanti fi kliem ta' kompassjoni u ftehim bejnietna.

Jalla din tkun sena ta' bidla, fejn iż-żerriegħa tal-paċi tinżera' fil-qlub tal-umanità. Nitolbu ukoll li r-reliġjonijiet ikunu xempji ta' tama, u mingħajr ma jkunu mċappsa minn aġendi politiċi, jibqgħu sodi kontra l-vjolenza, l-inġustizzja, u l-mibegħda. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.